**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 t'April 2018**

**Pulizija**

**Spettur Elliot Magro**

**Vs**

**Luke Farrugia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Luke Farrugia ta' 29 sena, iben Raymond u Emanuela nee' Sciberras, imwieled il-Pieta' nhar is-7 ta' Marzu 1988, residenti gewwa West Winds, Triq il-Girna, Rabat u detentur tal-karta ta' l-idenitita bin-numru 135288M;

Talli nhar id-9 ta' Jannar 2016, ghall-habta ta' l-4:15 ta' wara nofs in-nhar, gewwa ir-Rabat (Malta):

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe' hsara fuq vettura tat-tip Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni DBR-017, liema hsarat huma ta' aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2.500), ghad-detriment ta' Atlas Abdullah u/jew persuna/i ohra;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera traskurata u perikoluza;

3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju;

4) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, heddet b'gebel jew hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad arma ohra kontra Mohamed Aziz Mohamed, Mohammad Harith, Bassam Ibrahim u/jew persuna/i ohra;

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'xi mod kiser il-bon ordni u il-paci pubblika;

6) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi, joghgobha tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Luke Farrugia ghal dak il-perjodu taz-zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq;

7) Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata;

8) Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-persuni hawn fuq imsemmija, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

9) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-Akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta..

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-26 t'April 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325(1)(a), 338(dd) u 339(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a), (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal-sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**